MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 387/2007

**A**

**-vs-**

**1. B;**

**2. Direttur tar-Reġistru Pubbliku;**

**3. Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b'digriet tal-5 ta' Novembru 2007 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-minuri C.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-8 ta’ Ottubru 2007 li permezz tiegħu l-attur A espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi fl-erbatax (14) ta’ Settembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005), l-intimata welldet tifla bl-isem ta’ C, kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala (‘Dok A’);

2. Illi din l-istess minuri hija l-wild naturali tal-esponenti, u dan peress illi din l-istess minuri twieldet minn relazzjoni li huwa kellu ma’ l-intimata, kif se jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazjoni tal-kawża;

3. Illi minn l-anness ċertifikat tat-twelid tal-minuri, jirriżulta illi fil-parti dedikata għad-dettalji tal-missier, hemm mniżżel *‘missier mhux magħruf’* u mhux *‘A’* kif fil-fatt hu;

4. Illi l-esponenti jixtieq illi huwa jkun reġistrat bħala missier il-minuri għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

5. Illi l-esponenti ppreżenta wkoll Ittra Uffiċjali Numru __/07 fir-Reġistru ta’ din l-Onorabbli Qorti, *ai termini* tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili (Kopja Legali tal-istess Ittra Uffiċjali hawn annessa u mmarkata bħala ‘Dok B’), u għalkhemm l-intimata ġiet debitament notifikata, hija naqset milli twieġeb għall-istess fi żmien mogħti lilha, skond il-liġi, u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

6. Illi l-esponenti u l-intimata kienu anke jgħixu flimkien fl-istess residenza, u l-esponenti kien anke jmanti lil din l-istess minuri, pero’ l-intimata għal raġunijiet li hi biss taf, telqet mid-dar u ċaħdet lill-esponenti milli jara lil bintu u fil-fatt ilu ma jaraha għal diversi xhur;

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. tiddikjara illi huwa l-missier naturali tal-minuri C imwielda fl-erbatax (14) ta’ Settembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005), għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel id-debita korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri bin-numru ta' iskrizzjoni ____/05 fis-sens illi l-esponenti jiġi ndikat formalment f'dan id-dokument bħala l-missier naturali tal-minuri u b'hekk il-kliem *'missier mhux magħruf'* kif erronjament indikat fuq l-istess Ċertifikat fejn hemm isem missier il-minuri, jiġu sostitwiti bil-kliem *'A';*

3. Takkorda lill-esponenti l-kura u l-kustodja tal-minuri, u fin-nuqqas tordna aċċess xieraq favur l-istess;

Bl-ispejjeż kontra l-intimata minn issa nġunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fil-31 ta' Jannar 2008 li permezz tagħha eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott rnill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent għandu jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrent jintlaqgħu, dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu nseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-oħra. *Inoltre*, jekk it-talbiet attriċi jintlaqgħu l-kunjom tal-minuri għandu jiġi korrett.

3. Illi l-esponent mhux il-leġittimu kontradittur fir-rigward tat-tielet talba attriċi.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli għal xi nuqqas tal-intimat li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż tal-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti.

Rat ir-risposta ġuramentat tal-konvenuta B ippreżentata fit-22 t'April 2009, li permezz tagħha eċċepiet bir-rispett:

1. Preliminarjament, in-nullita tar-rikors ġuramentat peress li jikkontjeni talbiet li jirrigwardaw kustodja ta' minuri, *stante* li l-attur ma mexiex skond il-proċedura stabbilita *ai termini* tar-Reg. 9 tar-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) (L.S. 12.20);

2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif se jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;

3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi fi kwalunkwe każ, l-attur la jistħoqqlu jkollu aċċess u wisq anqas il-kura u l-kustodja tal-minuri minħabba l-aġir vjolenti tiegħu, kif se jiġi ppruvat aħjar fil-mori tal-kawża;

4. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-esponenti ma għandhiex tbati l-ispejjeż tal-kawża *stante* li hi ma taħti bl-ebda mod għall-fatti li taw lok għal dina l-kawża;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri. Illi in sostenn ta' dawn l-eċċezzjonijiet, l-esponenti tiddikjara dan li gej:

(i) Illi ma huwiex kontestat li l-esponenti għandha tifla li jisimha C li twieldet fl-14 ta' Settembru 2005 u lanqas li f'xi

żmien, l-esponenti kienet tgħix ma' l-attur. Iżda hu kontestat li l-minuri C hi bint l-attur;

(ii) Illi matul ir-relazzjoni tagħhom, l-attur kien vjolenti fil-konfront kemm tal-esponenti kif ukoll tal-minuri u sa kellhom jintervjenu l-Pulizija sabiex l-esponenti u l-minuri jħallu d-dar tal-attur;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti.

Rat id-digriet tat-12 ta' Ġunju 2009 li permezz tiegħu l-attur irrinunzja għat-tielet talba tiegħu;

Rat l-ammissjoni tal-konvenuta a fol. 61 tal-proċess;

Rat ukoll li fl-istess verabal a fol. 61 l-attur iddikjara l-partikolaritajiet tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Diċembru 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha l-konvenuta u reġistrata bħala bint missier mhux magħruf hija fil-fatt tiegħu; il-konvenuta ammettiet dan il-fatt.

Illi din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Josianne Giusti vs Pierre Giusti et"** deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet:

*"Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artiklu 77 tal-Kodiċi Civili (**"Spiteri pro et noe vs Cilia et"**, fost oħrajn, 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Artiklu 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija."*

Illi l-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta' l-attur, u anke f'dan il-każ hemm ammissjoni. Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Artiklu 254 ġie sodisfatt billi l-pubblikazzjoni saret. Fir-rigward tal-ispejjeż peress li l-attur spedixxa ittra uffiċjali lill-konvenuta li għal xi raġuni din ma weġbitx, hija għandha tbati l-ispejjeż *eccetto* dawk tal-aħħar talba li ġiet ċeduta.

**Għaldaqstant il-Qorti fl-ammissjoni tal-konvenuta, tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1. tiddikjara lill-attur missier naturali tal-minuri msemmija;**

**2. tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid numru ____ tal-2005, billi l-konnotati tal-attur (kif indikati a fol 61 tal-proċess) jiġu mniżżla minflok il-kliem *"missier mhux magħruf";***

**3. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba *stante* r-rinunzja tal-attur.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuta barra dawk tat-tielet talba li jkunu a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------